**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 12 ta' April, 2016**

**Citazzjoni Nru: 979/2006 AF**

**Ramon Spiteri**

**vs**

**Kyoko Oishi li fil-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 2013 il-Qorti laqghet it-talba biex kunjom l-intimata jaqra Gafà**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent Ramon Spiteri li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta minn Awissu tas-sena 2003 sa April tas-sena 2005, b'dan ukoll illi kienu jikkoabitaw flimkien għal perjodu konsiderevoli tul ir-relazzjoni tagħhom.

Kien hemm intendiment bejn il-partijiet illi l-ispejjez kollha inkorsi minnhom tul ir-relazzjoni jiġu sopportati bejniethom fi kwoti indaqs.

Fil-fatt kien l-attur biss illi kien iħallas il-parti l-kbira tal-ispejjez, kontijiet, servizzi kif ukoll diversi pagamenti oħra intiżi esklussivament għall-konvenuta, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Fi tmiem ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, il-konvenuta rrifjutat illi tħallas lill-attur is-sehem tagħha tal-ispejjez, u minkejja illi nterpellata permezz ta' ittra legali kif ukoll ittra uffiċjali datata 26 ta' Ottubru 2005, debitament notifikata, din baqgħet inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

Tiddikjara illi l-konvenuta hija responsabbli għall-ħlas ta' nofs l-ispejjez kollha inkorsi bejniethom kif ukoll għall-dawk il-ħlasijiet effetwati mill-attur għall-użu esklussiv tal-konvenuta fl-intier tagħhom, tul il-perjodu tar-relazzjoni tagħhom, kif intqal fuq.

Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuta lill-attur occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

Tordna lill-konvenuta tħallas lill-attur dak l-ammont hekk likwidat dovut minnha, kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali Nru: 9234/2005, u l-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali msemmija, kontra l-konvenuta li hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat it-tweġiba maħlufa tal-intimata Kyoko Oishi li permezz tagħha gie eċċepit illi:

It-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom stante:-

Illi għalkemm huwa minnu li l-partijiet kellhom relazzjoni, l-konvenuta aċċettat li jikkoabitaw flimkien fuq talba tal-attur;

Illi ma hu minnu xejn illi kien hemm intendiment bejn il-partijiet illi l-ispejjez kollha nkorsi minnhom tul ir-relazzjoni

jiġu sopportati fi kwoti ndaqs. Anzi l-attur stqarr b'mod ċar illi l-konvenuta ma kellha għalfejn tħallas xejn u kulma kellha tagħmel hu li tgħix miegħu;

Illi barra milli ma hu minnu xejn dak allegat mill-attur, u ċioé illi kien hu biss illi kien iħallas il-parti l-kbira ta' l-ispejjeż, kontijiet, servizzi kif ukoll diversi pagamenti oħra ntiżi esklussivament għall-konvenuta, jrid jingħad illi kien l-attur illi stqarr mal-konvenuta illi hija la kienet obbligata u lanqas mistennija tħallas għal xejn;

Illi fi tmiem ir-relazzjoni l-attur irrifjuta li jirritorna lill-konvenuta oġġetti li jappartjenu lilha;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Liġi;

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi sabiex ġiet ippreżentata nota fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 9234/2005 kontra l-attur li huwa nġunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet.

Semgħet it-trattazjoni tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi:

Permezz ta' din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli għal ħlas ta' nofs l-ispejjez inkorsi bejnithom kif ukoll dawk effettwati mill-attur għal użu esklussiv tal-konvenuta tul il-perjodu tar-relazzjoni tagħhom, tillikwida l-ammont hekk dovut mill-intimata u tordna lill-istess konvenuta tħallas lill-attur dak l-ammont hekk likwidat dovut minnha.

Il-konvenuta da parti tagħha ssostni li l-ebda ammont ma huwa dovut stante li l-attur kien stqarr b'mod ċar illi hija ma kellha għalfejn tħallas xejn u kull ma kellha tagħmel hu li tgħix miegħu u barra minn dan ma huwa minnu xejn illi kien l-attur biss illi kien iħallas il-parti kbira tal-ispejjeż, kontijet, servizzi u diversi pagamenti oħra intiżi għall-użu esklussiv tal-konvenuta.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur u l-konvenuta kienu daħlu f'relazzjoni fis-sajf tal-2003 liema relazzjoni intemmet f'April tal-2005. Il-konvenuta spjegat illi f'Awissu tal-2003 l-attur stedinha tmur tgħix miegħu fl-appartament tiegħu li kien jinsab f'High Street, Siema[1], filwaqt illi l-attur fid-depożizzjoni tiegħu a fol. 72 tal-proċess spjega li huma bdew jgħixu flimkien f'April 2004. Jidher li ghexu flimkien fil-Maisonette bl-isem Décor Carmeli li jġib in-numru 48 u jinsab fi Triq Menville fis-Swieqi, fejn l-attur u l-konvenuta għexu f'daqqa sa tmiem ir-relazzjoni tagħhom f'April 2005. Il-fond imsemmi inkera unikament lill-attur bil-kera ta' LM250, llum €582.34 fix-xahar u dan kif jidher mill-iskrittura privata eżebita mill-attur a fol. 74 tal-proċess. Matul iż-żmien tal-koabitazzjoni tagħhom jirriżulta wkoll illi l-attur kien jikri vettura tal-għamla Kia Avella bin-numru ta' reġistrazzjoni HBA 778 mingħand Butterfly Garage bill-prezz ta' LM4.50 illum €10.48 kuljum.

L-attur xehed illi din il-vettura inkriet għall-uzu tal-konvenuta peress illi kienet kostretta tmur ix-xogħol b'*taxi* kuljum. Huwa xehed ukoll illi hu u l-konvenuta kellhom arranġament finanzjarju bejniethom illi l-ispejjeż kollha inkorsi bejniethom jiġifieri l-kera tal-maisonette msemmi, xiri ta' ikel u xorb u kontijiet ta' dawl u ilma għandhom jinqasmu u jitħallsu miż-żewġ partijiet. Huwa kompla billi spjega li minkejja ma jiftakarx jekk il-konvenuta kienitix preżenti meta huwa kera l-vettura, huwa jiftakar li kienet preżenti meta ġew mgħoddija lilu ċ-ċwievet tal-vettura. Huwa spjega li l-idea li jikkoabitaw kienet tat-tnejn li huma u li fil-frattemp kien biegħ l-appartament illi kien jirrisjedi fih qabel.

L-attur esebixxa rendikont tal-infiq tiegħu li jinsab a fol. 81 tal-proċess. Huwa spjega li hu u l-konvenuta kienu ddeċidew illi

---

[1] Kontro ezami tal-konvenuta a fol. 196 tal-proċes

jaqsmu l-kera tal-maisonette li kienu ser jikkoabitaw fih fi kwoti indaqs bejnithom.  Skont l-attur, din il-proprjetà kienet imdaqqsa u l-ispazju kien bżonnjuż in vista tal-ammont kbir ta' hwejjeġ u żraben illi kellha l-konvenuta u għal dan il-għan kellhom bżonn ukoll garaxx illi kien inkera lilu flimkien mal-maisonette.  Sabiex iġorru l-effetti personali tagħhom għar-residenza l-ġdida tagħhom, l-attur spjega li kien ħallas l-ammont ta' LM245, illum €570.70 lill-kumpannija tal-ġarr. Huwa spjega li kien iħallas il-kontijiet tad-dawl u ilma kif ukoll il-kera tal-vettura msemmija peress illi l-konvenuta qatt ma ħallset ghaliha.  Xehed ukoll illi kien ta lill-konvenuta l-ammont ta' LM600, illum €1,397.62 għal btala li kien ħallas għaliha hu kif ukoll illi kien taha ċurkett li kien jiswa LM135, illum €314.47.

Huwa indika wkoll l-ammont ta' LM1982, illum €4616.82 bħala spejjeż illi huwa nefaq fuq btajjel u ħruġ, l-ammont ta' LM448, illum €1,043.56 għal servizzi ta' tindif tar-residenza, kif ukoll l-ammont ta' LM6361, illum €14,817.14 li jirrappreżentaw spejjeż oħra bħal ikel, manteniment tal-maisonette, *toiletries*, mediċina etċ.  F'dan l-istadju huwa xehed illi l-konvenuta ma kienet tħallas għal xejn, iżda jgħid illi jiftakar illi darba kienet tatu l-ammont ta' LM100, illum €232.94.

In kontro eżami huwa xehed illi kien huwa li kien ippropona lil konvenuta li jikkoabitaw iżda sostna li l-ispejjeż kellhom jiġu sopportati bejniethom u mhux kif qiegħda tallega l-konvenuta u cioé li kien aċċertaha li hi ma kien ser ikollha tħallas xejn u fil-fatt kien proprju għalhekk illi kienu ġġieldu u ġiet itterminata r-relazzjoni ta' bejniethom.  F'dan l-istadju huwa spjega wkoll illi b'żieda mal-ammont ta' €232.94 li kienet għaddietlu, hija kienet xtrat ukoll *microwave*, *CD player* kif ukoll xtratlu xi rigali.  Huwa kkonferma wkoll illi kien irrifjuta li jrodd lura lil konvenuta l-*microwave* u *CD player* imsemmija fuq struzzjonijiet tal-avukat tiegħu.  Fir-rigward tal-vettura HBA 778, l-attur spjega illi huwa saq din il-vettura inqas minn 10 darbiet u li ma jiftakarx jekk il-konvenuta kienitx miegħu f'dawn id-drabi.

L-attur spjega li l-konvenuta kellha ħafna ħwejjeġ li kienet iżżomm f'kaxex u boroż u li l-attur kien issuġerixxa li l-

konvenuta tmur tgħix miegħu sabiex tkun tista torganizza ħwejjiġha aħjar u sussegwentement kienet xtrat gwardarobbi tad-drapp sabiex tkun tista taħżen l-hwejjeġ tagħha. Huwa spjega li kienu ddeċidew fuq l-ammont ta' kera li kienu lesti jħallsu u li kienet il-konvenuta li imbaghad għażlet il-proprjetà u minkejja li qatt ma ddiskutew kemm kellhom ikunu d-dimensjonijiet, bl-ammont ta' kera li kienu lesti li jħallsu huma setgħu jikru maisonette imdaqqas. F'dan l-istadju l-attur reġa' sostna li kien hemm ftehim verbali bejniethom illi l-kera kellha titħallas mit-tnejn li huma fi kwoti indaqs bejneithom. Mistoqsi jekk għażlux proprjetà imdaqqsa sabiex takkomoda l-għamara li kellu l-attur huwa ma weġibx izda saħaq illi l-ħwejjeġ tal-konvenuta kienu jieħdu aktar spazju milli kienet tieħu l-għamara tiegħu. Huwa kkonferma li wara li ġiet fi tmiemha r-relazzjoni ta' bejniethom huwa baqa' jgħix fl-istess proprjetà.

Fir-rigward tas-servizzi ta' tindif l-attur spjega li l-konvenuta ħallset għal dan is-servizz mhux aktar minn darbtejn f'sena. Dan is-servizz kien parti mill-istil ta' ħajja tiegħu u fil-fatt kien jagħmel użu minn dan is-servizz qabel ma kien jgħix mal-konvenuta kif ukoll wara li nfirdu. F'dan l-istadju spjega li kien issuġġerixxa lill-konvenuta li jaqsmu l-ispejjez kollha bejniethom iżda qatt ma ġie speċifikat eżatt x'kellha tħallas il-konvenuta. Spjega wkoll illi l-konvenuta qatt ma talbitu jwaqqaf is-servizz ta' tindif. Fir-rigward tas-servizz tal-*cable* l-attur spjega li kien huwa li xtaq illi jingħata dan is-servizz iżda li l-konvenuta qatt ma qaltlu le jew li ma tixtieqx illi jkollhom dan is-servizz għaliex ma kienux jiddiskutu bejnithom dawn id-dettalji peress illi l-ftehim ta' bejniethom kien wieħed ġeneriku. Huwa ma setax jiftakar kemm il-darba l-konvenuta għamlet użu minn dan is-servizz iżda qal illi kienet tuża l-*internet* b'mod frekwenti. Fir-rigward tal-vettura, f'dan l-istadju huwa spjega li l-vettura kien responsabbli għal kera tagħha hu pero kien hu li ssuggerilha li tikriha peress illi qabel kienet qiegħda tuża s-servizz ta' *taxi*.

Fil-kontro eżami tiegħu l-attur ikkonferma li l-konvenuta kienet fil-fatt tikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-ikel u merċa kif ukoll illi fir-rigward taċ-ċurkett illi kien ta, ma kien hemm ebda ftehim illi jekk tintemm ir-relazzjoni l-konvenuta kellha troddu lura u lanqas ma kellhom ftehim dwar min għandu jħallas meta

joħorġu. F'dan l-istadju l-attur spjega li l-konvenuta kienet ħadet magħha l-*computer* meta ġiet fi tmiemha r-relazzjoni. Fir-rigward tal-kiri tal-vettura, l-attur spjega li ma setax jiftakar meta l-attriċi kienet barra minn Malta u fi kwalunkwe kaz peress illi l-vettura kienet mikrija fit-tul huwa ma setax jirritornaha fil-perjodi meta hija ma kienitx tkun Malta. L-attur spjega li minkejja li kienet il-konvenuta li kellha tħallas, u kien infurmaha b'dan, kien hu li kien iħallas lil Butterfly Garage. Huwa spjega li baqa' jħallas '*because I was foolish*'[2]. L-attur spjega li kien huwa li kera l-vettura però ma jiftakarx jekk kienx hu jew il-konvenuta li għażluha. Huwa zied jgħid illi l-konvenuta qatt ma lmentat illi l-kera tal-vettura kienet għolja. F'dan l-istadju l-attur spjega li regolarment kien jitlob lil konvenuta tħallsu tal-kera izda ma jiftakarx jekk qattx għaddielha rendikont tal-ispejjeż inkorsi. Huwa reġa xehed illi meta kienu jieklu barra ma kienux jitkellmu fuq min ser iħallas, kif ukoll illi il-kwistjoni tal-ħlas qamet wara li ntemmet ir-relazzjoni (fol 147).

Fir-rigward tal-*gym membership* l-attur jibda billi jgħid illi ddeċidew illi jmorru flimkien u li kienet il-konvenuta li riedet tmur izda spiċċat qatt ma marret. Huwa spjega li ma kienitx ħallset is-sehem tagħha iżda jkompli billi jgħid illi kienet aċċettat illi tmur miegħu għaliex waħdu ma kienx imur, kif ukoll illi jista' jkun illi kien huwa li kien issuggerixxa li l-konvenuta tmur miegħu peress illi l-prezz ta' koppja kien irħas mill-prezz ta' persuna waħeda iżda jsostni li kien huwa li ħallas is-sehem tagħha.

Xehed Joe Ciscaldi fejn spjega li l-attur kien kera vettura lill-konvenuta mingħandu u li din il-karozza damet mikrija madwar sentejn jew tlieta. Huwa spjega li l-attur kellu karozza personali tiegħu u qal ukoll illi l-konvenuta ġieli għamlet xi pagament għal vettura mikrija. In kontro eżami x-xhud spjega li huwa kien daħal fi ftehim mal-konvenuta dwar il-vettura, liema ftehim sar bil-miktub. Dan il-ftehim ma ġiex iffirmat mill-attur iżda x-xhud qal illi f'kaz ta' nuqqas ta' ħlas huwa kien ser ifittex lill-attur peress illi lill-konvenuta ma kienx jafha

---

[2] Kontro ezami a fol. 141 tal-proċess

personali. F'dan l-istadju huwa spjega li fil-maġġor parti tad-drabi kien iħallas l-attur però li l-konvenuta ġieli ħallset ukoll.

Xehed Joseph Fenech li kkonferma li kien kera lill-attur il-fond 48 u l-garaxx bin-numru 52, ġewwa Manville Street, Ibraġġ, liema fond inkera minn sena għal sena bir-rata ta' LM250, illum €582.34 fix-xahar. Huwa kkonferma li l-fond ġie mikri lill-attur però kien konsapevoli tal-fatt illi l-konvenuta kienet tgħix miegħu, kif ukoll illi l-garaxx kien mikri bħala parti integrali mill-maisonette, liema maisonette kien mikri bl-għamara.

Xehdet Elizabeth Fenech mart Joseph Fenech. Hija qalet illi l-attur flimkien mal-konvenuta kienu marru jaraw il-post illi hija kellha għall-kiri u qalet illi huma kienu qiegħdin ifittxu post kbir. Ix-xhud qalet illi kienet impressjonata bl-ammont ta' ħwejjeġ illi kellha l-konvenuta, liema ħwejjeġ kienu jinżammu fi gwardarobbi fil-garaxx. Qalet ukoll illi taħseb illi kienet il-konvenuta li ddeċidiet illi tikri l-post minħabba l-affarijiet kollha li kellha[3]. Ix-xhud ikkonfermat illi l-konvenuta ma ffirmatx għal kirja peress illi kienet barranija u huma kienu jippreferu li jkun xi ħadd Malti li jiffirma[4]. Hija kkonfermat ukoll illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta kienu jgħixu fil-post. In kontro eżami x-xhud spjegat illi l-garaxx mikri mill-attur ma kinx jintuza għall-vettura izda għal gwardarobbi tad-drapp bil-ħwejjeġ tal-konvenuta u li ma kienitx tiftakar jekk kienx hemm oġġetti oħra fil-garaxx. Hija qalet ukoll illi l-attur baqa' jikri l-fond għal numru ta' snin wara li ġiet fi tmiemha r-relazzjoni tiegħu mal-konvenuta. Hija qalet ukoll illi ma tafx jekk l-attur ġabx għamara miegħu fil-maisonette, liema maisonette kien diġà bl-għamara. Pero hija qalet illi fil-maisonette qatt ma daħlet.

Il-konvenuta xehdet permezz ta' affidavit fejn spjegat illi meta ltaqghet mal-attur hija ma kelliex għamara peress illi kienet tikri appartament *fully-furnished*. Hija spejgat illi fil-maġġor parti l-ħwejjeġ li kellha kienet xtrathom qabel ma bdiet ir-relazzjoni tagħha mal-attur u għaldaqstant kienet żżommhom f'kaxex, basktijiet u l-għamara li kien hemm fl-appartament li kienet tikri. Hija qalet li l-attur kellu appartament akbar u li

---

[3] Fil-kontro ezami tagħha a fol. 166 ix-xhud tikkonferma li dan ma tafux bħala stat ta' fatt

[4] Kontro ezami tax-xhud a fol. 166

kien għalhekk illi meta staqsiha biex tmur tgħix miegħu hi kienet żżomm ħwejjiġha fl-għamara li kien hemm fl-appartament tiegħu. Meta rat illi l-ispazju li kien hemm ma kienx biżżejjed, hija xtrat *foldable wardrobe* fuq suġġeriment tal-attur stess. Il-konvenuta tinsisti li qatt ma talbet lill-attur jikri appartament akbar jew garaxx sabiex ikollha aktar spazju fejn iżżomm ħwejjiġha. Il-konvenuta qalet ukoll illi meta l-attur staqsiha biex tmur tgħix miegħu dejjem aċċertaha li kien ser jibqa' responsabbli hu għal ħlas tal-kera u li hi ma kelliex għalfejn tħallas is-sehem tagħha.

Il-konvenuta qalet illi l-attur kien imdorri bi stil ta' ħajja differenti minn tagħha peress illi l-paga tagħha kienet aktar limitata. Hija qalet illi kien għalhekk illi kien jikri appartament imdaqqas, għaliex għalih, '*such luxuries were normal*'.[5] Il-konvenuta tkompli tgħid illi s-servizz ta' tindif kien aspett ieħor tal-ħajja tal-attur li ma kienitx imdorrija biha. Hija tikkonferma li l-attur kien jagħmel użu minn dan is-servizz qabel ma bdew jikkoabitaw u sa fejn taf hi, baqa' jagħmel użu wara li spiċċat ir-relazzjoni ta' bejniethom. Minkejja li kienet temmen illi ma kellhomx bżonn dan is-servizz ta' tindif hija qalet illi kienet ħallset lill-*cleaner* diversi drabi. Il-konvenuta qalet illi l-attur qatt ma semma li hija kienet responsabbli għal ħlas ta' nofs dan is-servizz u li kieku kienet taf, kienet tirrifjuta s-servizz għaliex ma kienitx taffordja tħallas għalih. Hija qalet ukoll illi kemm is-servizz tal-*cable television* u kemm is-servizz tal-*internet* kienu parti mill-istil ta' ħajja tal-attur u li hija qatt ma ġiet ikkonsultata dwar dawn is-servizzi jew jekk kienitx lesta li tħallas għal nofs l-ispejjez tagħhom. Qalet illi hija ma kienitx tagħmel użu minn ebda servizz però li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn l-attur kien jitlobha tikri *DVD films* u kienet hi li tħallas għal dan. Hija qalet illi l-*internet* kienet taċċessaħ mix-xogħol u li kien l-attur li kien juża s-servizz tal-internet id-dar fuq il-*computer* li kien tiegħu, fil-fatt hija lanqas kienet taf il-*login password*.

Fir-rigward tal-vettura, il-konvenuta qalet illi kien l-attur illi riedha tikri karozza sabiex tkun tista' ssuq hi jekk huwa jkun taħt l-influwenza tal-alkoħol u sabiex tkun tista tmur tixtri.

[5] Fol 162

Hija qalet li meta semma l-karozza kienet għamlitielu ċara illi ma setgħatx tħallas għaliha u li kienet moqdija b'servizz ta' *taxi* kif ukoll bit-trasport pubbliku. Hija qalet illi l-attur kien irrispondiha li ser jassumi responsabbiltà huwa tramite l-kont tal-kumpannija tiegħu. Hija tgħid illi fil-fatt ma kien hemm ebda modifikazzjoni għal ftehim illi l-attur kellu mal-kumpannija tal-kiri u kien l-attur illi deher fuq il-kuntratt tal-kera tal-vettura. Hija stqarret ukoll illi fi kwalunkwe każ l-attur kien qiegħed jitlob ħlas għal kiri tal-vettura f'perjodi li lanqas biss kienet Malta. Hija qalet illi minkejja li kienet issuggeriet lill-attur li jirritorna l-vettura fil-perjodi li ma kienitx Malta huwa qatt ma għamel dan. Il-konvenuta qalet illi la l-attur kien wegħdha li kien huwa li kien ser ikun responsabbli għal ħlas ta' kera, kienet responsabbiltà tiegħu jirritornahhiex jew le. Qalet ukoll illi kienet tonfoq aktar flus fuq xiri ta' bżonnijiet għall-għixien tagħhom milli kienet tonfoq fuq prodotti kosmetiċi liema prodotti, fil-maġġor parti, kienu mixtrija qabel ma bdiet tikkoabita mal-attur. Hija qalet illi ma kienitx taf kemm kien jiswa ċ-ċurkett illi kien ta l-attur peress illi dan kien rigal. Hija stqarret ukoll illi fir-rigward tal-ħruġ, kien l-attur li kien jistidinha toħroġ miegħu u qatt ma ġiet infurmata li jekk tispiċċa r-relazzjoni ta' bejniethom hi kienet ser tkun responsabbli għal ħlas ta' nofs dawn l-ispejjez. Hija qalet illi li kieku kienet taf ma kienitx taċċetta peress illi ma kienitx taffordja dawn l-ispejjeż. Fir-rigward tal-*gym membership*, il-konvenuta qalet illi hija kienet diġà ħallset lill-attur is-sehem tagħha. F'dan ir-rigward hija esebiet kopja tal-irċevuta fiskali li turi li l-ammont globali mħallas kien ta' LM150, illum €349.41 (fol 165).

In kontro eżami, l-konvenuta tgħid illi hija kienet tikri appartment is-Swieqi qabel ma bdiet toħroġ mal-attur iżda li xtaqet issib appartament ieħor li kien aktar aċċessibbli għaliha biex tuża t-trasport pubbliku. Hija qalet illi ma kelliex problema bid-daqs tal-appartament illi kienet tikri iżda bil-post fejn kien jinsab. Hija qalet illi wara xahar li bdew joħorġu flimkien, l-attur kien stedinha biex tmur tgħix miegħu fl-appartament tiegħu li kien jinsab tas-Sliema, liema appartament kien imdaqqas. Hija qalet illi kienu telqu minn dan l-appartment peress illi l-attur ried jixtri xi ishma f'kumpannija u għaldaqstant kien talabha tfittex post ieħor fejn

ikunu jistgħu jgħixu. Hija qalet illi ma kienitx qiegħda tfittex post komdu għaliha iżda post tajjeb sabiex l-attur jerfa' l-għamara tiegħu. Hija qalet ukoll illi kienu poġġew xi għamara tal-attur fil-maisonette u l-bqija kienu jinżammu fil-garaxx.

Xehdet Rita Grech permezz ta' affidavit li qalet illi l-konvenuta kienet tuża t-trasport pubbliku qabel ma bdiet tgħix mal-attur peress illi ma kienitx issuq. Hija qalet ukoll illi l-konvenuta kienet stqarret magħha li xtaqet issib appartament aktar viċin ta' *bus stop*. Fil-frattemp hija ltaqgħet mal-attur li kien stedinha biex tibda tgħix miegħu. Ix-xhud qalet illi kienet sorpriża meta l-konvenuta bdiet issuq hawn Malta u dan peress illi kienet stqarret magħha li kienet tibża ssuq fit-toroq t'hawn Malta.

Xehdet Emily Engerer permezz ta' affidavit li spjegat illi l-konvenuta kienet toqgħod ġo appartament waħidha. Hija qalet illi meta bdiet ir-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta, il-konvenuta kienet qaltilha illi l-attur staqsiha biex tmur tgħix miegħu u li kien ser jieħu ħsieb kollox hu.

Xehed permezz ta' affidavit Antoine Degiorgio li kien jikri appartament mal-konvenuta qabel ir-relazzjoni tagħha mal-attur. Huwa spjega illi l-konvenuta kienet tuża t-trasport pubbliku sabiex tivvjaġġa u f'kazijiet rari kienet tuża taxi. Huwa qal illi matul ir-relazzjoni li kellu mal-konvenuta qatt ma saqet karozza hawn Malta kif ukoll illi qatt ma kienitx tuża s-servizz tal-*internet* li kellu fl-appartament illi kienu jikru. Ix-xhud jikkonferma wkoll illi l-konvenuta kellha ammont sostanzjali ta' ħwejjeġ illi kienet iżżomm f'basktijiet u kaxex.

Ikkunsidrat illi:

Fl-udjenza tas-27 ta' Mejju 2014, l-abbli rappreżentant legali tal-attur, b'riferenza għax-xhieda tal-istess attur mogħtija fit-18 ta' Novembru 2009 iddikjara li l-attur qiegħed jirriduċi t-talba tiegħu fis-sens illi m'huwiex qiegħed jitlob li jiġi rimborzat bl-ispejjeż li nkorra biex jixtri ċ-ċurkett, u l-ispejjeż ta' ikel, xorb u ħruġ. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tikkunsidra t-talbiet tal-attur limitatament għall-bqija tal-ispejjeż illi huwa qiegħed jitlob li jiġi rimborzat tagħhom.

Din il-kawża tistrieħ fuq il-kredibiltà tax-xhieda u fuq l-apprezzament illi din il-Qorti trid tagħmel prinċipalment fuq id-deposizzjonijiet tagħhom. Illi dwar il-provi illi ressaq l-attur, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deċiza nhar it-12 t'April 2007 fejn ingħad illi:

*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova ta' l-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta il-pretiża ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor). Ara* ***Kollez. Vol. XLVI P I p 5****;*

*(2) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi ta' l-attur hija sostenuta" (****Kollez. Vol. XXXVII P I p 577****);*

*(3) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta alligata et probata, u dan jimporta illi d-deċizjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bazi tad-domanda jew ta' l-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ipprovat;*

*(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni*

*u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' revizjoni. Ara, b' ezempju,* ***Kollez. Vol. XXIV P I p 104****;*

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilaq**, deċiza fit-30 t' Ottubru 2003:

*"Fil-kamp ċivili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti ghall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"'*.

Il-konflitt tal-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (**Farrugia vs Farrugia**, deċiza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru 1966).

Issir ukoll riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri**, deċiża fis-27 ta' Mejju 1970 fejn ingħad illi:

> *"bħala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti ċivili l-Qorti tirritjeni li, għalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur għandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju raġjonevoli jekk l-ammont għadux dovut jew le dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut għax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-aħħar tal-kawza għax hu jallega d-debitu u kulħadd għandu jipprova l-allegazzjoni tiegħu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, ċioé l-attur l-esiġibilità u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju "actore non probante reus absolvitur". L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tiegħu fuq il-prinċipju l-ieħor "reus in excipiendo fit actor", għax, jerġa' jingħad, l-oneru ċentrali tal-akkuża jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull każ ta' konflitt ikun faċli għħall-attur jirbaħ avolja l-Qorti tibqa' sospiża fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."*

Applikat dan għal każ in dezamina, jirriżulta li l-attur u l-konvenuta m'humiex jaqblu fil-verżjonijiet tagħhom dwar x'kien l-arranġament ta' bejniethom dwar kif kellhom jinqassmu l-ispejjeż inkorsi bejniethom fil-perjodu li huma kienu jikkoabitaw. L-attur jgħid illi kien hemm ftehim verbali li l-ispejjez kollha għandhom jinqassmu bin-nofs u l-kera tal-vettura mikrija kellha titħallas mill-konvenuta, filwaqt illi l-konvenuta tgħid illi dan l-arranġament ma kienx jeżisti peress illi l-attur kien aċċertaha li ma kellhiex għalfejn tħallas, u fi kwalunkwe każ, kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn ħallset l-ispejjeż hi.

B'riferenza għad-dokument CB esebit mill-attur, a fol. 81 tal-proċess kif ukoll għad-dikjarazzjoni tal-abbli rappreżentant tal-attur fl-udjenza tas-27 ta' Mejju 2014 surriferita, l-Qorti qiegħda tifhem illi l-ispejjeż li l-attur qiegħed jitlob mingħand il-konvenuta huma dawk indikati fid-dokument CB, kif aħjar

spjegat fid-dokument CB2 a fol. 84 u 85 tal-proċess wara li jitnaqqsu l-ispejjeż ta' ikel, xorb u ħruġ li saret riferenza għalihom fil-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2014.

Fir-rigward ta' dawn l-ispejjeż illi l-attur qiegħed jitlob rimbors tagħhom, il-Qorti m'hijiex moralment konvinta mill-eżistenza ta' ftehim verbali ċar u inekwivoku bejn il-partijiet dwar kif kellhom jinqassmu l-ispejjeż ta' bejniethom b'dan illi l-Qorti mhijiex konvinta li l-konvenuta kienet obbligat ruħa li tħallas lill-attur għal nofs dawk l-ispejjeż inkorsi bejniethom u tħallas ukoll dawk l-ispejjeż inkorsi mill-attur għall-allegat użu esklussiv tagħha. Fir-rigward tal-volontà tal-konvenuta li tkun marbuta b'dan l-allegat ftehim bejn il-partijiet, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Valhmour Borg noe vs Major Alfred Calascione noe**, tal-Qorti tal-Kummerċ datata 25 ta' Mejju 1961 fejn ingħad illi:

> "*att unilaterali (...) m'għandhiex valur billi ħadd ma jista jikkostitwixxi t-titolu tad-dritt tiegħu, jagħmel ruħu arbitru tal-volontà ta' ħaddieħor*."

Il-Qorti tqis illi l-verzjoni tal-attur mhijiex kredibbli u lanqas ma hi verosimili. Għandu jingħad illi kieku kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet, l-attur ma kienx ser jistenna li jgħaddu tlettax-il xahar u li tiġi fi tmiemha r-relazzjoni qabel jagħmel talba lill-attriċi għal-ispejjeż illi skont hu kellhom ikunu a karigu tagħha. Speċjalment in vista tal-fatt illi l-ammont illi l-attur oriġinarjament kien qiegħed jitlob mingħand l-attriċi kien wieħed konsiderevoli u fil-fatt skont Dok CB a fol 81 tal-proċess, dan kien jammonta għal €24,054. Fix-xhieda tiegħu a fol. 147 tal-proċess huwa stess jistqarr illi l-kwistjoni tal-ħlas qamet wara.

Fir-rigward tal-maisonette li kienu jgħixu fih il-partijiet, il-Qorti ssib illi preliminarjament jidher illi kien l-attur illi stieden lill-attriċi sabiex tgħix miegħu, fil-fatt, qabel ma marru jgħixu s-Swieqi, l-konvenuta għamlet xi żmien tgħix mal-attur ġewwa l-proprjetà tiegħu ġewwa ta' Sliema. B'żieda ma dan, jirriżulta li l-attur seta' faċilment insista li l-konvenuta titniżżel fl-iskrittura tal-kirja miegħu b'mod illi kien ikunu t-tnejn li huma inkwilini. Huwa veru illi s-sid wera x-xewqa li fuq l-iskrittura tal-kirja

jidher isem l-attur peress illi kien Malti, iżda xejn ma kien iwaqqaf lill-attur milli jinsisti li l-konvenuta tiġi indikata bħala inkwilina wkoll. Lanqas ma huwa verosimili li l-maisonette li kienu jgħixu fih intgħażel minħabba l-ammont ta' ħwejjeġ illi kellha l-konvenuta. Mistoqsi jekk il-maisonette bil-garaxx miegħu intgħażilx għar-raġuni li l-attur kellu bżonn spazju fejn jerfa' l-għamara, huwa ma weġibx. F'dan ir-rigward jidher illi x-xhieda tal-attur lanqas ma kienet kostanti. Notevoli wkoll illi l-attur għamel numru ta' snin jgħix waħdu f'din il-proprjetà wara li ntemmet ir-relazzjoni tal-partijiet. Lanqas ma kienet kostanti x-xhieda tal-attur in kwantu għall-ispejjeż ta' ikel u merċa oħra u dan in vista tal-fatt illi filwaqt illi fix-xhieda tiegħu a fol. 79 tal-proċess huwa jgħid illi l-konvenuta ma kienet tħallas għal xejn, fil-kontro eżami tiegħu a fol. 80 huwa jbiddel il-verżjoni tiegħu u jgħid illi l-konvenuta ġieli kienet tixtri ikel u merċa.

Il-Qorti tinnota wkoll illi anke x-xhieda tal-attur dwar il-*gym membership* illi allegatament ħallas l-attur għalih u għal konvenuta mhijiex kostanti fis-sens illi jibda billi jgħid illi ddeċidew illi jmorru flimkien u li kienet il-konvenuta li riedet tmur iżda jkompli billi jgħid illi kienet aċċettat illi tmur miegħu għaliex waħdu ma kienx imur, kif ukoll illi jista' jkun illi kien huwa li kien issuġerixxa li l-konvenuta tmur miegħu peress illi l-prezz ta' koppja kien irħas mill-prezz ta' persuna waħidha izda jsostni li kien huwa li ħallas is-sehem tagħha. Fi kwalunkwe każ, jirriżulta li l-ammont imħallas għal gym membership kien ta' LM150, llum €349.41, għall-koppja kif tindika l-irċevuta ppreżżentata mill-attriċi mal-affidavit tagħha u li tinsab a fol. 165 tal-proċess u għalqastant l-attur huwa żbaljat meta jgħid dan l-ammont tħallas minnu għal użu esklussiv tal-konvenuta.

Fir-rigward tal-vettura, l-Qorti tinnota li qatt ma ġiet esebita l-iskrittura ta' kera msemmija mix-xhud Joe Ciscaldi fix-xhieda tiegħu li tinsab a fol. 146 tal-proċess. F'dan ir-rigward jidher ukoll illi x-xhieda tal-attur u dik ta' Joe Ciscaldi huma kontradittorji fis-sens illi filwaqt illi l-attur xehed illi kien huwa li daħal fi ftehim ma Butterfly Garage għan-nom tal-konvenuta[6],

---

[6] Kontro ezami a fol. 80 tal-proċess

ix-xhud Joe Ciscaldi qal illi huwa (f'isem Butterfly Garage) kien daħal fi ftehim magħha bil-miktub. Ġie nnutat ukoll illi minkejja li l-attur fix-xhieda tiegħu spjega f'diversi okażżjonijiet illi huwa kien kera l-vettura sabiex tagħmel użu minnha l-konvenuta, u li saħansitra kienet miegħu meta ġew mgħoddija lilu ċ-ċwievet tal-vettura[7], jirriżulta mir-rendikont immarkat bħala Dok. CB 7 a fol. 134 tal-proċess, illi l-vettura in kwistjoni kienet diġa mikrija lill-attur f'April tal-2003 u ċioé erba xhur qabel ma bdiet ir-relazzjoni tal-attur mal-konvenuta. F'dan ir-rigward ukoll il-Qorti ssib illi ma kien hemm ebda raġuni valida għalfejn l-attur ma setax jieqaf iħallas għal kiri tal-vettura.

Fir-rigward tas-servizz ta' tindif u tas-servizzi tat-*television* u *internet* ma jirriżultax illi l-konvenuta qatt giet ikkonsultata dwarhom u dwar min għandu jħallas tagħhom u l-istess jista' jingħad fuq s-servizzi ta' dawl u ilma, u spejjeż oħra indikati bħala '*movers*', '*holidays*' u '*miscellaneous*' għajr għal allegat ftehim illi l-attur jinsisti li kien hemm bejn il-partijiet illi l-ispejjeż kellhom jinqasmu bin-nofs. Fir-rigward tal-flus illi allegatament l-attur ta direttament lill-konvenuta, indikati f'Dok. CB 1 a fol 81 tal-proċess, ma nġiebet ebda prova li dawn il-flus kellhom jitħallsu lura.

Fir-rigward tax-xhieda u dokumenti prodotti mill-konvenuta, ghandu jingħad illi b'riferenza għar-rendikonti tal-kontijiet tal-bank tal-konvenuta kemm dawk Maltin kif ukoll esteri, liema dokumenti ġew esebiti mar-risposta tagħha u jinsabu a fol. 19 sa 28 u 32 sa 55 tal-proċess, dawn jitfgħu dawl biss fuq l-infieq illi l-konvenuta kienet tagħmel fi ħwienet kemm lokali kif ukoll barranin iżda ma jitfgħu ebda dawl fuq jekk il-konvenuta qattx għaddiet flus kontanti lill-attur. Lanqas ma l-konvenuta xehdet illi kienet għaddiet xi flus lill-attur ħlief dawk tal-*gym membership* imsemmija fl-affidavit tagħha a fol. 161 tal-proċess. Minkejja dan, jirriżulta li l-konvenuta kienet aktar kostanti fix-xhieda tagħha in kwantu li ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet illi l-ispejjeż kollha inkorsi bejniethom kellhom jinqasmu bin-nofs u li hija kellha tħallas għall-vettura mikrija mill-attur.

[7] Xhieda a fol. 72 tal-proċess

Mill-analizi tal-provi u bħala punt ta’ ligi, il-Qorti, filwaqt illi ssib illi l-verżjoni tal-konvenuta hija dik l-aktar kredibbli u verosimili, ma ssibx fuq il-bilanċ tal-probabilità (li hu l-grad rikjest mill-ligi) li l-attur irnexxielu jġib prova rassikuranti, soda u sodisfaċenti għal konvinċiment ta’ din il-Qorti li kien jeżisti ftehim bejn il-partijiet.

Għal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ Kyoko Oishi, tiċħad it-talbiet ta’ Ramon Spiteri.

Spejjeż jitħallsu mill-attur.

IMHALLEF

DEP/REG